MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 1/2002/1

**Rosalind Pantalleresco**

**vs**

**Starbrite Cleaners**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Mejju, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fil-25 ta' Ottubru 2001 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' disgha u disghin Lira Maltin (Lm99)

rapprezentanti prezz ta’ libsa li wara li haditha ghad-dry cleaning qsaret u djieqet.

L-intimat ma pprezentax risposta ghal din it-talba, u lanqas attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema’ x-xhieda tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:-

1. Ir-rikorrenti hadet il-libsa in kwestjoni ghad-dry cleaning u ssottomettiet li wara li ghaddiet mill-process tad-dry cleaning din qsaret u djieqet.

2. L-intimat ma attendiex ghas-seduta minkejja li kien notifikat kemm bit-talba kif ukoll bl-avviz tas-smiegh.

Ghal dawn il-motivi:-

It-Tribunal tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat ihallas l-ammont ta’ disgha u disghin Lira Maltin (Lm99) bl-ispejjez kontra l-istess intimat.”

Appella minn din is-sentenza Joseph Sciberras ezercenti l-kummerc taht l-isem ta’ Starbrite Cleaners. Huwa jqanqal dawn l-obbjezzjonijiet kontra s-sentenza appellata. L-ewwel nett li qatt ma gie notifikat bit-talba u qatt ma kellu l-opportunita` li jaghti l-versjoni tieghu. Dippju jilmenta wkoll illi t-Tribunal ma osservax id-dettami tal-gustizzja naturali u ma ddecidiex il-kwestjoni skond l-ekwita`. Zied jaggungi illi d-decizjoni nghatat kontra persuna non-ezistenti.

L-appellata baqghet ma wegbitx ghal dawn l-obbjezzjonijiet. Dan ma jfisserx pero` illi l-Qorti ma ghandhiex tezaminahom biex tara jekk l-appellanti ghandux ragun fl-asserzjonijiet tieghu.

Tajjeb pero` li qabel xejn jigu ezaminati d-disposizzjonijiet tal-ligi specjali li jghoddu ghall-kaz. Essenzjalment li jigi ndagat jekk it-Tribunal marx kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, sostrat baziku u fundamentali tad-dritt ta' l-appell skond l-Att XXVIII ta' l-1994 Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. L-Artikou 22 (2) in effetti jippreciza illi appell taht dan l-Att "jista' jsir biss meta t-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella". Rimedju dan limitatissimu ta' l-appell fil-kazijiet kontemplati fil-Kap 378 tal-Ligijiet.

Mill-inkartament tal-kaz ma jirrizultax kif l-appellanti jista' jsostni l-aggravju tieghu illi ma nghatax l-opportunita` tas-smiegh xieraq. Di fatti ma hemm xejn x'jindika, la fl-atti u lanqas fid-decizjoni, illi l-Arbitru, fir-regolamentazzjoni tal-provi fil-procediment, ma hasebx bl-aktar mod xieraq ghall-finijiet li tintaghmel gustizzja u skond id-dettami tal-gustizzja naturali, kif hekk jissanzjona l-Art 23 (1) tal-kap imsemmi.

Jirrizulta mill-'pink card' (fol 7) illi d-ditta intimata giet notifikata bl-azzjoni promotrici tal-appellata fl-10 ta' Jannar 2002 u avzata biex tidher ghas-seduta tad-29 ta' Jannar 2002. Skond ma jirrizulta mill-verbal ta' din is-seduta (fol 9) ma deher l-ebda rapprezentant tad-ditta appellanti u l-kaz thalla ghad-19 ta' Frar 2002 bl-intendiment car illi jekk jibqa' ma jattendix it-Tribunal kien jghaddi ghas-sentenza.

Il-Qorti lesta li taccetta l-verzjoni tal-appellanti illi fid-29 ta' Jannar 2002 hu htieglu jattendi l-Qorti, kif manifest mill-avviz minnu pprezentat flimkien mar-rikors ta' l-appell tieghu. Lesta li taccetta wkoll illi huwa tempestivament avza b'din l-okkorrenza lis-Segretarja tat-Tribunal.

Ciononostante ma jidherx li jista' jigi accettat illi hu ma nghatax l-opportunita` jressaq id-difiza tieghu meta volutament u bla ebda raguni jew skuzanti accettabbli naqas li jattendi ghas-seduta tad- 19 ta' Frar 2002 kif hekk stabbilit fil-verbal ta' din is-seduta (fol 11).

Jirrizulta wkoll illi lanqas indenja ruhu li debitament jivverifika x'kien sehh f'din is-seduta meta l-kaz thalla ghad-decizjoni ghall-14 ta' Marzu 2002. Dan lanqas ma ghamlu wara din is-seduta allavolja dakinhar is-sentenza ma gietx pronunzjata. Baqa' passiv ukoll allavolja rceva avviz datat 20 ta' Mejju 2002 illi l-kaz kien ser jigi finalment deciz fit-23 ta' Mejju 2002.

Tenut rigward ta' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tirravvizax xi ksur tal-principju ta' gustizzja naturali. Kif rimarkat fid-decizjoni fl-ismijiet "Joseph Falzon –vs- Anthony Debono noe", Appell Kummerc, 13 ta' Jannar 1975, "*ghall-finijiet procedurali hemm diversita` kbira bejn il-kaz fejn ma jinstemghux il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunita` bhal meta jigi ngustament rifjutat is-smiegh tal-provi legittimi offerti minnu, jew meta l-proceduri inizjati kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun gie notifikat bihom, u ad insaputa tieghu, u bejn il-kaz, fejn minhabba nuqqas tieghu stess, jibqa' ma jgibx il-quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita` li jgibhom. F'dan l-ahhar kaz "imputet sibi"*."

Dan l-insenjament jghodd certament ghall-kaz taht konsiderazzjoni. 'Multo magis', imbaghad, meta konsiderat mill-perspettiva ta' dak dettat mill-Art 23 (2)(a) tal-ligi illi jafferma li l-arbitru "ghandu jizgura li kaz ghandu, daqskemm ikun b'mod ragjonevoli possibbli, jinqata' fl-istess jum tas-smiegh tieghu".

Il-Qorti ma taccettax l-aggravji l-ohra senjatament dawk ta' indoli procedurali billi mill-atti jirrizulta li d-ditta appellanti giet debitament notifikata kemm bl-avviz tas-smiegh kif ukoll bl-avviz tat-talba. Ara Minuta (7) tal-inkartament. Wiehed jistaqsi, imbaghad, ghaliex ma irrilevax dan in-nuqqas quddiem l-Arbitru u halla l-prociment jipprogredixxi minghajr ma qanqal dan in-nuqqas. Huwa veru li kieku dan in-nuqqas kien tabilhaqq jissussisti dan seta' jimporta n-nullita` tad-decizjoni. B'danakollu, kif bosta drabi enuncjat meta l-parti li tressaq l-ilment tkun hi stess naqset li tirraviza n-nuqqas ta' attenzjoni ghal proprjeta' procedurali, u del resto s-sentenza tinstab fis-sustanza li kienet gusta din il-Qorti ma tistax hlief

tikkonferma d-decizjoni. Dan aktar u aktar meta kif abbondantement rilevat ma jirrizulta l-ebda difett li jippregudika l-jedd ta’ smiegh xieraq.  Vide Art. 790 tal-Kap. 12.

Lanqas ma huwa sewwa imbaghad illi l-appellanti jissolleva kontestazzjonijiet illi fl-ebda waqt tal-procediment quddiem l-Arbitru ma tqanqlu minnu. Kontestazzjoni, li kieku ma kienx ghall-passivita` tieghu, kellhom jigu formalizzati b’difiza a tempo debito biex dawn setghu jigu konsiderati, epurati u decizi.  Mhux lecitu ghalhekk li issa in sede appell jqajjem materja bhal dik li d-decizjoni nghatat kontra persuna non-ezistenti meta dan il-fatt kien diga` maghruf minnu meta rceva l-atti.  Minn naha l-ohra jekk id-decizjoni inghatat fil-konfront ta’ haddiehor dan jista’ jaffettwa l-esigwibilita` tad-decizjoni izda mhux il-validita` taghha.  Iz-zewg kuncetti huma kontraddistinti wiehed mill-iehor.  Jekk  il-posizzjoni hi kif pretiza mill-appellanti difficilment  wiehed jifhem il-preokupazzjoni tieghu meta skond kif donnu qed jippretendi l-azzjoni giet intentata kontra persuna zbaljata jew non-ezistenti.

Naturalment f’kazijiet li jinsorgu quddiem it-Tribunal wiehed dejjem irid izomm di vista dak stabbilit fl-Artikolu 23 (3) tal-Att imsemmi dwar il-validita` tal-procedimenti u n-nuqqas ta’ tharis ta’ xi formalita`.

L-appellanti ssolleva wkoll il-punt dwar l-inosservanza ta’ dak sancit fl-Art 21, u cjoe d-determinazzjoni tal-kaz skond l-ekwita`.  Dan l-ilment hu ghal kollox insostenibbli. L-Arbitru iddecieda fuq il-provi li kellu quddiemu.  Is-setgha rikonoxxuta mil-ligi b’applikazzjoni tal-principju tal-ekwita` ma kienetx certament tezonera lill-appellanti mill-oneru li jforni l-provi tieghu skond il-mezzi rikonoxxuti mill-ordinament guridiku.  L-Arbitru ma setax iqis fatti ohra, kif hekk pretiz mill-appellanti, hlief dawk traccjati mir-rizultanzi istruttorji tal-kaz.

Tajjeb jew hazin l-apprezzament tieghu kien ben fondat fuq l-unika prova illi saritlu.  Fuq kollox, u dan hu l-aktar aspett fundamentali, ma jirrizultax illi saret xi vjolazzjoni

tal-principji ta' gustizzja naturali li ghalihom tirreferi l-ligi. Ara "**Johann Camilleri –vs- Ronald A. Cachia Phoenicia Laundry and Dry Cleaning**", Appell, 27 ta' Mejju 1999 u s-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Jannar 2003 fil-kaz fl-ismijiet "**Jean Schembri et –vs- Queen's Dry Cleaners**".

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u d-decizjoni appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------